**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR

## Dr. Marouska Debono LL.D., M.A. in Law

**Seduta tal-Hamis, 24 ta' Frar, 2022**

**Talba Numru: 336/2021MD**

**Numru fuq il-Lista: 06**

**Borg Rachel**

**Vs**

**Shawn Grixti**
**Josianne Grixti**

**DIGRIET**

**It-Tribunal,**

Sema' t-talba tar-rapprezentanti legali tal-attrici ghall-isfilz tar-risposta tal-konvenuti u dana peress illi r-risposta tal-istess konvenuti giet ipprezentata oltre t-terminu statutorju u kwindi ghandha tigi sfilzata[1].

Ra t-talba tal-attrici.

[1] Verbal tat-18 ta' Jannar, 2022; *a fol* 5 tal-process.

Ra n-nota ta' sottomissjoni konvenuti[2].

**Ikkunsidra**

Din hija sentenza preliminari u l-punt li jehtieg jigi deciz huwa jekk l-konvenuti ghandhomx jigu kkunsidrati bhala kontumaci, stante l-prezentata tardiva tar-risposta taghhom. Jirrizulta li l-konvenuti gew notifikati fl-24 ta' Novembru, 2021[3] filwaqt li r-risposta taghhom giet pprezentata virtwalment fl-14 ta' Jannar, 2022[4], u cioe' oltre it-terminu statutorju impost ghal tali fini.

Illi s-subartikoli (2) tal-artikolu 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja tipprovdi s-segwenti:

> *Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għat-talba fi żmien tmintax-il jum mid-data meta jkun ġie notifikat bl-avviż tat-talba.*

Jinsab deciz illi "*l-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa*".[5]

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Costantino Abela vs George Azzopardi"[6], irriteniet li:- "*Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci – fis-sens pjen tal-kelma*."

Inghad ukoll li l-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Gie rilevat illi "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti*[7]".

Fir-rigward ta' proceduri quddiem dan it-Tribunal, fil-kawza fl-ismijiet Dr. Lennart Depasquale vs Filippo Cachia[8], inghad li:

> *In-nuqqas li tigi pprezentata risposta mill-konvenut fi zmien stipulat bl-ebda mod ma timporta l-kontumacja tieghu. Il-kontumacja tal-konvenut hi stabbilita bl-Att Numru V tal-1995 u senjatament bl-artikolu 13 u mhux konsentit li tali kontumacja li hi strettament marbuta man-nuqqas tal-konvenut (jew ukoll tal-attur) li jidher f'zewg seduti li fihom ikun ser isir is-smigh tal-kawza, ma tistax tigi b'xi mod estiza biex tkopri cirkostanzi ohra. Lanqas permezz ta' regolamenti maghmula in forza*

[2] *A fol* 9 *et seq* tal-process.
[3] *A fol* 4 tal-process.
[4] *A fol* 13 tal-process.
[5] Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi"; Appell deciz 13 ta' Lulju, 2001.
[6] Deciza fit-28 ta' Mejju, 1990.
[7] Vol XXIX pIII p35.
[8] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-22 ta' Novembru, 1996.

*tal-istess Att mit-Tribunal. Regolament li ghandhom jigu segwiti ghall-ahjar ordinament tal-proceduri imma ma jistghux jimponu jew iwasslu ghal sanzjonijiet li l-ligi ma tikkontemplax. Multo magis meta tali sanzjoni tkun timporta c-cahda ta' udjenza ta' parti fil-kawza quddiem it-Tribunal.*

Fil-kawza Emanuel Caruana nominee vs Elaine Cachia[9] hu car ghalhekk "*li l-ligi trid li l-kontumacja tal-konvenuta kellha tigi determinata jekk din tonqos li tidher darbtejn f'zewg dati stabbiliti mit-Tribunal. Dan ghal seduti li bihom il-konvenuta kienet taf ghax mgharrfa bihom jew kien messha taf bihom kieku segwit il-proceduri. Hu biss f'dawn ic-cirkostanzi li l-ligi tqis li l-konvenut ikun hati ta' din il-kontumelja lejn is-sejha tat-tribunal biex jidher quddiemu billi jikkontesta l-kawza u li jiggustifika li l-kawza tigi mismugha u deciza fl-assenza taghha*".

Meta gie fis-sehh l-Att numru V tal-1995 u cioe' l-Att li bih twaqqaf dan it-Tribunal, l-artikolu 13 tal-imsemmi Att kien jaqra hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita' ghas-smiegh tal-kawza, il-Gudikatur ghandu jiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u jekk f'dik id-data ohra –*
*(a) il-parti li tkun ghamlet it-talba tonqos li tidher, il-Gudikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-parti li tkun ghamlet it-talba;*
*(b) il-konvenut jonqos li jidher, il-Gudikatur ghandu jisma' u jaqta l-kawza fl-assenza tal-konvenut.*

Bl-emendi li dahlu fis-sehh bl-Att XXXI tas-sena 2002 dan l-artikolu gie sostitwit bis-segwenti:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(a) jekk min jaghmel it-talba jonqos li jidher, il-gudikatur ghandu jhalli l-kawza ghal data ohra u jekk min ikun ghamel it-talba jerga' ma jidhirx, il-gudikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-persuna li qed taghmel it-talba:*

*Izda l-gudikatur m'ghandux jaghmel id-differiment imsemmi kemm-il darba l-konvenut jitlob li l-kawza tinstema dak inhar jew li tigi kancellata bl-ispejjez kontra lpersuna li tkun ghamlet it-talba;*

*(b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis".*

Fid-decizjoni preliminari moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet, Wembly Crane Hire Limited vs Sergio Gauci[10] inghad hekk:

---

[9] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2006.
[10] Talba Nru 3/2012; datata 6 ta' Marzu, 2012.

*Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li r-risposta hija mehtiega sabiex fl-ewwel lok, l-attur ikun jaf x'difiza qieghed iressaq il-konvenut ghat-talba tieghu u fit-tieni lok, sabiex it-Tribunal jkollu l-parametri tad-disputa stabbiliti u b'hekk ikun jista jaghti d-decizjoni tieghu dwar l-istess. Pero r-risposta ma hijiex indispensabbli u/jew mehtiega. Kull ma huwa mehtieg, kif diga inghad, hija l-presenza tal-konvenut u xejn aktar.*

*Illi ghalhekk, meta t-Tribunal ikun rinfaccjat b'nuqqas ta' risposta formali da parti tal-konvenut li pero jkun prezenti quddiemu fid-data stabbilita ghas-smiegh tal-kawza t-Tribunal xorta wahda ghandu jisma l-kaz u jiddecidieh skond il-fatti li jirrizultaw u dan a bazi tal-provi li jressqu kemm l-attur u kif ukoll il-konvenut quddiemu.*

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-digriet moghti mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet, Albert Pullicino et vs Carmel sive Charles Pullicino[11] li qal:

*Addizzjonalment, huwa minnu li l-ligi procedurali hija ta' ordni pubbliku u li l-istess ghandha tigi rispettata. Madanakollu, it-Tribunal ikollu jirrimarka illi l-ispirtu li janima lill-istess Tribunal u l-kawzi ta' quddiemu – hekk kif jitnissel mid-disposizzjonijiet tal-Ligi specjali li gabitu in essere u li tirregolah – hi dozata, sa certu punt, b'certu latitudini diskrezzjonali ta' kif ilprocediment jigi amministrat u stradat. Di fatti, l-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 9(1) tal-Kapitolu 380 jghid illi "ġudikatur jirregola l-proċedimenti quddiem Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali", filwaqt li t-tielet sub-inciz tieghu jsostni illi, "Ebda proċediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minħabba fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi formalità sakemm wieħed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun ma' dan l-Att jew marregoli magħmula taħtu." Tali disposizzjonijiet jakkordaw certu grad ta' informalità fit-tmexxija tal-procediment, basta, izda, illi s-serjetà ta' l-istess procediment ma tigix menomata u illi ma jigux kalpestati l-principji ta' gustizzja naturali.*

L-intimati dehru ghall-ewwel seduta fit-18 ta' Jannar, 2021 u r-risposta giet epprezentata b'mod vitwali fl-14 ta' Jannar, 2022. Minkejja in-nuqqas, u cioe' li ma pprezentawx ir-risposta entro it-terminu stabilit mil-ligi, il-konvenuti attendew fid-data stabilita' ghas-smiegh tal-kawza u ghalhekk dak li trid il-ligi fl-artikolu 13 u cioe' l-prezenza giet osservata.

Illi ghalhekk it-Tribunal jichad it-talba tal-attrici biex ir-risposta tal-konvenuti epprezentata fl-14 ta' Jannar, 2022 tigi sfilzata minn dawn l-atti.

[11] Talba numru 252/2020 KCX, digriet moghti fil-15 ta' Lulju, 2021.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jichad it-talba tal-attrici ghall-isfilz tar-risposta tal-konvenuti, bl-ispejjez ta' din il-procedura jigu rizervati ghal gudizzju finali.

**Dr Marouska Debono LL.D., M.A. in Law.**
**ĠUDIKATUR**